**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Frankie Mizzi ta' 16-il sena bin Lawrence u Maria Dolores k/a Doris nee Abela li joqghod Villa Lawrence, Triq Ghajn Tuta, Kercem, Ghawdex.**
**Karta ta' Identita' numru 36085(G)**

Illum 5 ta' Gunju 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli nhar il-10 ta' Marzu 2002 ghall-habta ta' 4.45p.m. fi Triq Giuzeppi Briffa, Kercem, Ghawdex, (1) saq il-mutur numru FBD 298 Suzuki minghajr licenzja tas-sewqan mehtiega mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorita` ta' Trasport ta' Malta, (2) saq l-istess mutur meta ma kienx kopert b'polza ta' assigurazzjoni rigward ir-riskji tat-terzi persuni.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi jekk l-imputat jinstab hati, barra mill-piena stabbilita jigi sospiz milli jkollu jew jottjeni l-licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' zmien illi l-istess Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Semghet l-ammissjoni;

Fuq ammissjoni ssibu hati;

Rat l-artikoli 15 (1) (A) tal-Kap 65 u 3 tal-Kap 104;

Tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira lira Maltin (Lm25) fuq l-ewwel akkuza u hamsa u ghoxrin lira lira Maltin (Lm25) ammenda fuq it-tieni akkuza bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9 stante li l-imputat kien minorenni fid-data tal-kommessjoni tar-rejat;

Oltre dan tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur minn meta jaghlaq tmintax-il sena.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur